FLORIANA
Borgo Vilhena

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

30 ta’ Dicembru 2013

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Laqgha Straordinarja tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah il-Laqgha Straordinarja tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Erbgha 4 ta’ Dicembru 2013 fl-4.00pm,** b’din l-agenda:

1. Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju
2. Celebrazzjoni Nazzjonali ta’ Lejliet l-Ewwel tas-Sena

Ghal-Laqgha Straordinarja tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsillier Edward Torpiano flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Il-Vici Sindku u l-Kunsillera Davina Sammut Hili talbu li jigu skuzati minhabba impenji ohra**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 **Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju**

1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv gie mitlub jaghti spjegazzjoni ta' x'kien jinkludi fih ir-Rapporti Finanzjarji tat-tieni u t-tielet kwart tas-sena.

1.2 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li kif wiehed jista' jinnota, fit-tieni kwart kien hemm deficit sostanzjali minhabba l-ispejjez relatati mal-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat izda fit-tielet kwart, is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill kienet regghet giet stabbli.

1.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart bir-rizultat kien:

Favur: 3 (ET, VB, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

1.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju tat-Tielet Kwart bir-rizultat kien:

Favur: 3 (VB, ET, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 2.0 **Celebrazzjoni Nazzjonali ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena**

2.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li l-Kunsill kien qed janticipa li bhas-snin imghoddija, kien ser jinghata allokazzjoni ta' €10,000 izda l-allokazzjoni li nghata kienet giet imnaqqsa b'mod sostanzjali ghal dik ta' €7000.

2.2 Is-Sindku kompla billi qal li l-attivita' kienet tidher li hija miexja fil-parametri ta' dak li l-Kunsill kien ipprogetta.

2.3 Is-Sindku qal ukoll li kienu ngabru sponsorships li jammontaw ghal €1000 u qal li kien ghad hemm fejn il-Kunsill jahdem u possibilment igib iktar sponsorships.

2.4 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa kemm kienet ser tkun l-ispiza globali li giet ikkalkulata sa' dakinhar.

2.5 Is-Sindku nforma li l-ispiza s'issa kienet ser tammonta ghal madwar €14,254 u tinkludi il-palk, l-armar, dawl, sawnd, performers, confetti, bziezaq barriers, nar, big screens u koordinazzjoni. Is-Sindku qal li din l-ispiza teskludi l-ispejjez tal-Pulizija, ufficjali ohra u Transport Malta, u xi talbiet ohra li jistaw jigu mitluba minn dawn. Is-Sindku zied jghid li minhabba t-tnaqqis fl-allokazzjoni tal-Kunsill ghal din l-attivita', il flus li ser johrog il kunsill kienu ser jizdied bi €3000.

2.6 Is-Sindku kompla billi qal li wara li saru xi diskussjonijiet ma' Farsons, il-kumpanija kienet informat lill-Kunsill li hi kienet lesta tkopri 60% tal-ispejjez u ghalhekk id-differenza ser ikollu johrogha l-Kunsill.

2.7 Is-Sindku qal ukoll li hu kien talab laqgha mas-Segretarju Parlamentari José Herrera sabiex tigi diskussa t-tnaqqis fl-allokazzjoni tal-Kunsill ghall-attivita' izda l-Kunsill kien ghad ma rcieva l-ebda risposta.

2.8 Is-Sindku qal li apparti li l-Kunsill gie moghti inqas allokazzjoni, l-attivita' tal-Kunsill Lokali

Floriana ma giet moghtija l-ebda tip ta' pubblicita'.

2.9 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jibghat ittra formali lis-Segretarju Parlamentari fejn isostni l-pozizzjoni tieghu u jaghmilha cara li l-Kunsill ihossu ddizappuntat bl-allokazzjoni moghtija lilu din is-sena u li jhoss li ghandu jinghata l-istess allokazzjoni li nghatat lill-Kunsill tal-Belt Valletta. Il-Kunsill qabel mal-proposta u qabel li l-ittra ghandha tintbaghat mill-aktar fis possibli.

Il-laqgha ntemmet fl-16.35.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland | Svetlick J. Flores |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |